Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti Ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur James Grech

Spettur Kurt Zahra)

vs

Kersten Camilleri

Kumpilazzjoni Numru: 395/16

Illum, it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar, 2023

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Kersten Camilleri detentur tal-karta tal-identita' b'numru 353289 M u jigi akkuzat talli:

**1.** Nhar l-20 ta` Mejju, 2016, ghall-habta tas-6.30pm gewwa Triq Villambrosa, Hamrun, flimkien ma` persuni

ohra ikkommetta serq ta` gizirana minn fuq il-persuna ta’ Maria Grech, persuna anzjana li ghalqet l-eta’ ta’ sittin sena, liema serq huwa ikkwalifikat bil-Vjolenza u bil-Valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37);

**2.** u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ l-istess Maria Grech, persuna li ghalqet l-eta’ ta’ sittin sena, hekk skond kif iccertifikat Dr. F. Dalli Badjadi (Med. Reg. No. 3358) mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana;

**3.** u aktar talli nhar id-29 ta` Mejju, 2016, ghall-habta tas-5:40pm gewwa Triq Santu Rokku, Qormi, flimkien ma` persuni ohra ikkommetta serq ta` gizirana minn fuq il-persuna ta’ Cristina Attard, persuna anzjana li ghalqet l-eta’ ta’ sittin sena, liema serq huwa ikkwalifikat bil-Vjolenza u bil-Valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37);

**4.** u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ l-istess Cristina Attard, persuna li ghalqet l-eta’ ta’ sittin sena, hekk skond kif iccertifikat Dr. K. Causon mic-Centru tas-Sahha ta’ Hal Qormi;

**5.** u aktar talli nhar it-13 ta` Marzu, 2016, ghall-habta tas-1.50pm gewwa Triq San Bastjan, Qormi, flimkien ma` persuni ohra ikkommetta serq ta` gizirana minn fuq il-persuna ta' Irene Cassar, persuna anzjana li ghalqet l-eta' ta' sittin sena, liema serq huwa ikkwalifikat bil-Valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37);

**6.** u aktar talli nhar il-25 ta` April, 2016, ghall-habta ta` 11.45am gewwa Triq San Bastjan, Qormi, flimkien ma` persuni ohra ikkommetta serq ta` gizirana u pendent minn fuq il-persuna ta' Carmel Schembri, persuna anzjana li ghalqet l-eta' ta' sittin sena, liema serq huwa ikkwalifikat bil-Valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37);

**7.** u aktar talli nhar is-27 ta` April, 2016, ghall-habta tad-9.05pm gewwa Triq Il-Merkanti, Valletta, flimkien ma` persuni ohra ikkommetta serq ta` gizirana minn fuq il-persuna ta' Carmela Zarb, persuna anzjana li ghalqet l-eta' ta' sittin sena, liema serq huwa ikkwalifikat bil-Hin u bil-Valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37);

**8.** u aktar talli nhar it-28 ta` April, 2016, ghall-habta tas-12.45pm gewwa Triq Id-Duka ta` Edinburgh, Hamrun,

flimkien ma` persuni ohra ikkommetta serq ta` gizirana minn fuq il-persuna ta' Frances Bezzina, persuna anzjana li ghalqet l-eta ta' sittin sena, liema serq huwa ikkwalifikat bil-Valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37);

**9.** u aktar talli nhar it-30 ta` April, 2016, ghall-habta tas-7pm gewwa Triq Il-Helsien, Qormi, flimkien ma` persuni ohra ikkommetta serq ta` gizirana minn fuq il-persuna ta' Antoinette Formosa, persuna anzjana li ghalqet l-eta' ta' sittin sena, liema serq huwa ikkwalifikat bil-Valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37);

**10.** u aktar nhar it-08 ta` Mejju, 2016, ghall-habta tal-4:50pm gewwa Triq Santu Rokku, Qormi, flimkien ma` persuni ohra ikkommetta serq ta` gizirana minn fuq il-persuna ta' Catherine Borg, persuna anzjana li ghalqet l-eta' ta' sittin sena, liema serq huwa ikkwalifikat bil-Valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37);

**11.** u aktar talli nhar l-10 ta` Mejju, 2016, ghall-habta tal-5:15pm gewwa Vjal De La Cruz, Qormi, flimkien ma` persuni ohra ikkommetta serq ta` gizirana u pendent

minn fuq il-persuna ta' Maria Bonnici, persuna anzjana li ghalqet l-eta' ta' sittin sena, liema serq huwa ikkwalifikat bil-Valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37);

**12.** u aktar talli nhar it-12 ta` Mejju, 2016, ghall-habta tas-5.50pm gewwa Triq Il-Vitorja, Qormi, flimkien ma` persuni ohra ikkommetta serq ta` tlett pendenti minn fuq il-persuna ta' Mary Pulo, persuna anzjana li ghalqet l-eta' ta' sittin sena, liema serq huwa ikkwalifikat bil-Valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37);

**13.** u aktar talli nhar it-13 ta` Mejju, 2016, ghall-habta tad-9:15pm gewwa Triq San Federiku, Valletta, flimkien ma` persuni ohra ikkommetta serq ta` gizirana minn fuq il-persuna ta' Mary Therese Grech, persuna anzjana li ghalqet l-eta' ta' sittin sena liema serq huwa ikkwalifikat bil-Hin u bil-Valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37);

**14.** u aktar talli nhar il-15 ta` Mejju, 2016, ghall-habta tat-8.15pm gewwa Triq Il-Karmnu, Birkirkara, flimkien ma` persuni ohra ikkommetta serq ta` gizirana, liema serq sar ghad-dannu ta' Concetta Cesare, persuna anzjana li ghalqet l-eta' ta' sittin sena, liema serq huwa

ikkwalifikat bil-Valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37);

**15.** u aktar talli nhar il-21 ta` Mejju, 2016, ghall-habta tal-5:45pm gewwa Triq Kardinal Sciberras, Qormi, flimkien ma` persuni ohra ikkommetta serq ta` gizirana u pendent minn fuq il-persuna ta' Rose Mary Calleja, persuna anzjana li ghalqet l-eta' ta' sittin sena, liema serq huwa ikkwalifikat bil-Valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37);

**16.** u aktar talli nhar il-25 ta` Mejju, 2016, ghall-habta tat-2.45pm gewwa Triq Il-Gdida, Qormi, flimkien ma` persuni ohra ikkommetta serq ta` gizirana u pendent minn fuq il-persuna ta' Mary Galea, persuna anzjana li ghalqet l-eta' ta' sittin sena, liema serq huwa ikkwalifikat bil-Valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37);

**17.** u aktar talli nhar it-28 ta` Mejju, 2016, ghall-habta tad-8:50pm gewwa Trejqet Sant'Anna, Hamrun, flimkien ma` persuni ohra ikkommetta serq ta` gizirana minn fuq il-persuna ta' Emanuela Attard, persuna anzjana li ghalqet l-eta' ta' sittin sena liema serq huwa ikkwalifikat bil-Hin u bil-Valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet

mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37);

**18.** u aktar talli nhar it-03 ta` Novembru, 2015, ghall-habta tan-12:30pm gewwa Qormi flimkien ma` persuni ohra ikkommetta serq ta` gizirana minn fuq il-persuna ta’ Maria Dolores Mallia;

**19.** u aktar talli fl-istess zmien xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew, xjentement, b’kull mod indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

**20.** u aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cikostanzi assocja ruhu ma persuni ohra bil-ghan li taghmel delitt ta’ serq;

**21.** u aktar talli b’hekk ikkommetta delitt li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt perjodu operattiv tas-sentenza ta’ sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin, liema sentenza inghatat lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif preseduta mill-Magistrat Dr. A. Demicoli LL.D. nhar l-01 ta’ Marzu 2012 u estiza ghal erba’ snin ohra mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif preseduta mill-Magistrat Dr. A. Mizzi LL.D. nhar it-08 ta` Novembru 2012 liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel;

**22.** fl-ahharnett, il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata ghoxrin (20) ta' Gunju elfejn u dsatax (2019) fejn biha elenka l-artikoli tal-Ligi li tahthom qed jintalab li tinstab htija kontra l-imputat u cioe':-

(a) Fl-artikoli 257D(1)(b), 261(a) u (c), 262, 267, 274, 275, 276, 276A, 277(a), 279(a) u 280 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(b) Fl-artikoli 214, 215, 221 u 222A(1) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(c) Fl-artikoli 257D(1)(b), 261(a) u (c), 262, 267, 274, 275, 276, 276A, 277(a), 279(a) u 280 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(d) Fl-artikoli 214, 215, 221 u 222A(1) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(e) Fl-artikoli 257D(1)(b), 261(c), 267 u 279(a) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(f) Fl-artikoli 257D(1)(b), 261(c), 267 u 279(a) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(g) Fl-artikoli 257D(1)(b), 261(c) u (f), 267, 270, 279(a), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(h) Fl-artikoli 257D(1)(b), 261(c), 267 u 279(a) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(i) Fl-artikoli 257D(1)(b), 261(c), 267 u 279(a) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(j) Fl-artikoli 257D(1)(b), 261(c), 267 u 279(a) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(k) Fl-artikoli 257D(1)(b), 261(c), 267 u 279(a) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(l) Fl-artikoli 257D(1)(b), 261(c), 267 u 279(a) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(m) Fl-artikoli 257D(1)(b), 261(c) u (f), 267, 270 u 279(a), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(n) Fl-artikoli 257D(1)(b), 261(c), 267 u 279(a) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(o) Fl-artikoli 257D(1)(b), 261(c), 267 u 279(a) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(p) Fl-artikoli 257D(1)(b), 261(c), 267 u 279(a) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(q) Fl-artikoli 257D(1)(b), 261(c) u (f), 267, 270 u 279(a), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(r) Fl-artikoli 257D(1)(b), 261(c), 267, 270 u 279(a), 282 u 284 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(s) Fl-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(t) Fl-artikolu 48A tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(u) Fl-artikolu 28B tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(v) Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(w) Fl-artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li nqraw l-artikoli tal-Ligi l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-Qorti tkompli tisma' u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju;

Semghet ix-xhieda kollha;

Ikkunsidrat :

Illi semghet ix-xhieda ta' **Dr. Francis Dalli Badjadi** li kkonferma illi fit-tlieta u ghoxrin ta' Mejju 2016 ezamina lil

Mary Grech fic-Centru tas-Sahha tal-Furjana fejn din kellha tbengila ta' zewg centimetri u nofs fuq in-naha ta' wara ta' l-idejn u zewg dbengiliet ta' tliet millimetri il-wahda fuq in-naha ta' wara tal-id tal-lemin. Dawn il-griehi kienu kklassifikati bhala griehi hfief. Huwa kkonferma dokument FDB1 a folio mija u sitta (106) tal-process.

Xehdet **Kristina Attard** li ddikjarat illi hija kienet giet misruqa fi Triq San Bastjan, Hal Qormi fis-sena elfejn u sittax (2016) waqt li kienet qeghda fit-triq tistenna vann u gie wiehed fuqha u hatfilha zewg gizirani li kienet liebsa f'ghonqha u rnexxielu jiehu wahda minnhom. Tghid illi konsegwenza t'hekk il-malvivent waqqaghha u sofriet xi tbengil. Bhala deskrizzjoni tal-persuna hija tghid illi kien liebes beritta li ghattietlu nofs wiccu u bid-daqna. Hija ma setghetx taghraf lil hadd fl-awla. Hija tiddikjara li kellha tnejn u tmenin (82) sena meta giet misruqa. Tikkonferma illi l-gizirana misruqa kienet xtratha xi hames mitt Liri Maltin (LM500).

Xehed ukoll it-tabib **Dr. Carl Causon** li kkonferma li fix-xahar ta' Mejju elfejn u sittax (2016) ezamina lil Christina Attard (ID 288235(M)) fejn din kellha tbengil fuq idejha u tbengil iehor fuq parti tas-sider.

Vittma ohra u cioe' **Irene Cassar** fejn tghid illi f'Marzu elfejn u sittax (2016) kienet qed tistenna vann barra t-triq Hal Qormi meta gew zewg irgiel minn warajha u serqulha gizirana, telqu jigru u weggghulha idejha. Din il-gizirana kienet wahda antika. Hija ma setghetx taghraf lil hadd ghaliex tghid illi dawn gew minn warajha u ghalhekk ma setghetx tara wicchom. Ddikjarat li dak iz-zmien kellha sebgha u hamsin (57) sena.

**Carmela Zarb** fejn tghid illi kienet niezla Strada San Paolo, rat lil wiehed li kien seraqha qabel mistohbi wara karrozza u ddecidiet li titfa id-deheb gol-basket u meta resqet vicin tieghu, din il-persuna hatfitilha il-basket u telaq jigri. Tghid illi bhala deheb kellha lazz twil tad-deheb, katina b'gummiena u flus gol portmoni madwar erbghin Ewro (EUR40). Fuq il-valur tghid illi wahda mill-

gizirani kienet tiswa mhux anqas minn sebgha mitt Ewro (EUR700). A rigward il-katina b'gummiena mdendla din kienet qalatha ftit qabel izda tghid li din kienet fidda bbanjata fid-deheb. Il-basket kienet xtratu madwar erbghin Ewro (EUR40). Tghid illi meta dan seraqha din id-darba kien is-Sibt Mejju tal-elfejn u sittax (2016) fid-disgha ta' filghodu (9 :00am). Hija ddikjarat illi meta nsterqet kellha tmenin sena (80). Insteraq ukoll telefon cellulari tal-marka Vodafone li kien antik u ma jiswiex aktar minn mitt Ewro (EUR100).

Vittma ohra **Carmen Schembri** xehdet illi fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' April elfejn u sittax (2016) f'Hal Qormi insterqitilha gizirana bil-fosos homor minn persuna li giet minn warajha u ma setghetx taraha. Tghid illi din il-gizirana kienet xtratha xi sitta u ghoxrin (26) sena qabel u kienet tiswa' tmenin Liri Maltin (LM80). Hija ma setghet taghraf lil hadd fl-awla.

**Maria Grech** tghid li kienet il-Hamrun fi Triq Villambrosa fl-ghoxrin (20) ta' Mejju elfejn u sittax (2016) filghaxija fejn

persuna gie minn warajha u hatfilha il-gizirana li kienet tad-deheb u li kienet xtratha sittin Liri Maltin (LM60) xi ghoxrin sena qabel. Hija sofriet griehi hfief konsistenti f'xi tbengil.

Xhud ohra **Catherine Borg** li kienet diehla d-dar taghha fi Triq Santu Rokku Qormi f'xi Mejju jew Gunju elfejn u sittax (2016) u xehdet illi gie ragel ismar minn warajha u serqilha barbazzal tad-deheb b'zewg domni minn ghonqha. Bhala deskrizzjoni tal-malvivent kull ma setghet taghti hu li kien liebes *jeans* u qmis celesti u kien twil. Bhala valur hija kienet xtrat il-barbazzal ghas-somma ta' Elf Liri Maltin (LM1,000) u d-domni kienu jiswew sebghin Liri Maltin (LM70) kull wahda peress li kienu tad-deheb. Hija tiddikjara li kellha tlieta u sebghin (73) sena.

**Antoinette Formosa** xehdet illi ghall-habta t'April fi Triq il-Helsien, Qormi filghaxija, gew zewg guvintur minn wara li fl-Awla ma gharfet lil hadd, u hatfulha gizirana li kienet f'ghonqa. Din kienet tiswa mitejn u hamsin Liri Maltin (LM250). Tghid illi l-malviventi kienu lebsin gakketta bil-

barnuza fuq rashom. Finalment tiddikjara li hija twieldet fis-sena elf disa' mija u tmienja u erbghin (1948).

**Frances Bezzina** ukoll ma gharfet lil hadd fl-awla u tghid illi meta hija kienet miexja fi Triq Duke of Edinburgh, Hamrun kmieni wara nofs in-nhar, gie guvni minn warajha u hatfilha gizirana li kienet liebsa li kienet tiswa xi tliet mija u hamsin Liri Maltin (LM350).

Ix-xhud **Maria Bonnici** (ID 112737(M)) iddikjarat illi x'hin kienet ser tidhol id-dar taghha fi Triq Vjal de la Cruz, Qormi f'Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) gie xi hadd warajha u hatfilha gizirana tad-deheb li kienet tiswa madwar sittin Ewro (EUR60). Hija ma setghet taghraf lil hadd fl-Awla.

**Mary Pulo** (ID 326649(M)) hija kienet go Victory Street, Qormi fejn gie wiehed minn warajha u hatfilha gizirana. Dan kien f'Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016). Hija

tiddikjara li din kienet tiswa aktar minn mitt Ewro (EUR100) izda anqas minn elf Ewro (EUR1,000).

**Maria Theresa Grech** (ID141(G)) tixhed illi kienet niezla d-dar fi Triq Frederick, Valletta u hatfilha gizirana li kienet nefqet aktar minn mitt Ewro (EUR100). Dan kien f'Mejju elfejn u sittax (2016) filghaxija. Hija lanqas ma setghet taghraf lil hadd fl-awla.

Xhud ohra **Maria Dolores Calleja** kienet miexja ghal knisja ta' Hal Qormi fejn kien hemm it-tifla taghha bi bzonnijiet specjali u f'daqqa wahda semghetha twerzaq fejn qalet illi kien hemm xi hadd u hatfilha l-gizirana tad-deheb fejn tghid illi kienet nefqet aktar minn mitt Liri Maltin (LM100). Hija ovvjament ma setghet taghraf lil hadd.

**Maria Galea** (ID 679449(M)) fejn tghid illi ragel kien hatfilha gizirana tad-deheb li kellha domna u curkett ohxon tad-deheb ukoll f'San Bastjan, Qormi u xi hadd li kien fil-madwar certa Josephine Spiteri li qaltilha li l-

malvivent kellu tpengija ta' salib wara ghonqu. Tghid illi bhala zmien kien Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016). Hija ma gharfet lil hadd fl-Awla.

**<u>Emmanuela sive Lily Attard</u>** (ID18049(M)) tghid illi kienet fi Triq Strada Rjali Hamrun ma' habiba taghha, gie wiehed minn warajha, poggieha wiccha mal-art, hatfilha zewg gizirani ta' tmien mitt Liri (LM800) il-wahda u telaq jigri. Din tghid illi l-malvivent kien liebes gakketta blu u kienet bl-iskufja u flip flop li kien hallihom gol-isqaq. Tghid illi dawn l-oggetti kienu haduhom l-ghassa. Tghid ukoll illi kagun ta' dan marret il-Poliklinik. Tghid illi dan l-incident sehh f'Gunju elfejn u sittax (2016) hdejn Daniels Shopping Mall, Hamrun. Hija ma setghetx tara lil malvivent imma l-habiba taghha qaltilha li kien qasir u mbaccac.

**<u>Carmela Mangion</u>** li kienet max-xhud precedenti xehdet illi ma setghetx taghraf il-malvivent pero' kkonfermat dak li kienet xehdet ix-xhud ta' qabilha.

**Josephine Magri** (ID396045(M)) tghid illi f'Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) seraqha xi hadd katina li ma kienitx tad-deheb u ma kienitx tiswa l-flus. Hija giet murija ritratt a folio tmienja u tmenin (88) tal-process fejn hija ma setghet taghraf lil hadd.

**PS1240 Joseph Camilleri** ipprezenta dokument JC1 fejn huwa filmat f'Hal Qormi relattivi ghal folios 62 u 83 tal-process fejn dan jghid illi ingabru mill-pulizija u gew mahduma mill-Iskwadra tal-Forensika bhala *police work.*

**Josephine Spiteri** xehdet illi meta Mary Galea giet misruqa hija kienet fuq il-post u rat lil din il-persuna, li kienet tarah ta' sikwiet u kellha suspetti fuqu, jigri ghal nofs it-triq u jidhol go vettura tal-marka Toyota Corolla bajda. Din tghid illi l-malvivent kellu tpingija wara widnejh f'forma ta' salib. Din xorta wahda pero' ma setghet taghraf lil hadd fl-awla.

Semghet ix-xhieda tal-ufficjal tal-Probation **<u>Gordon Grech</u>** fejn kien gie mahtur biex isegwi lill-imputat fuq Ordni ta' Supervizjoni Provizorja u jghid illi ma kienx hemm kuntatti mal-imputat minkejja l-fatt illi ghamel diversi appuntamenti mieghu.

Illi **<u>PS1147 Antoine Fenech</u>** ikkonferma il-filmati elevati f'dawn il-proceduri mid-diversi postijiet u cioe' Dok JG19 li hu abbinat mar-rapport 2C1254/2016 li kien gie mnizzel mill-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi; Dok JG22 li hu abbinat ma' rapport 2C1114/2016 li kien gie mnizzel mill-Lombard Bank ta' San Bastjan f'Hal Qormi; Dok. JG17 li hu abbinat ma' rapport 2C2671 migbur minn Curmi Bros. Transport fi Triq Gorg Borg, Qormi; Dok. JG24 li hu abbinat ma' rapport 2C1220/2016 imnizzel minn Pjazza Maemple, Qormi; Dok. JG23 abbinat ma' rapport 7P1980/2016 imnizzel minn latrina li tinsab fi Triq Duka ta' Edinburgh, Hamrun; Dok. JG18 abbinat ma' rapport 8R1725/2016 imnizzel minn Pinky u Raki Footwear, Naxxar Road, Birkirkara; Dok. JG20 abbinat ma' rapport tal-pulizija 7P2449/2016 imnizzel minn Gasan Mamo, Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun; u Dok. JG21 abbinat ma' rapport

2C1295/2016. Hu jikkonferma li ghamel dan ix-xoghol sar mis-sezzjoni tas-CCTV tal-pulizija.

Rat is-sentenzi esebiti mill-**Ispettur Joseph Mercieca** in kwantu ghall-aggravji msemmija fl-akkuzi u cioe' Dok. JM1, Dok. JM2, u Dok. JM3.

Semghet ukoll ix-xhieda tal-**Ispettur James Grech** fejn esebixxa gakketta u karkur li kienu nstabu minn fuq wahda mix-xeni tar-reati u gew immarkati bhala Dok. JGXA u Dok. JGX.

Xehdu wkoll l-esperti nominati minn din il-Qorti u cioe' **Keith Cutajar** li kien nominat sabiex jiffotografa mad-dawra tal-ghonq tal-imputat liema rapport gie esebit bhala Dok. KC1 fejn fuq in naha ta' wara il-widnejn tax-xellug l-imputat ghandu tatwagg f'forma ta' salib u fuq il-wicc tal-widna tal-lemin ghandu tatwagg f'forma ta' djamant; u **Dr. Marisa Cassar** li kellha tezamina Dok. JGXA u JGX ghal

xi forma ta' DNA u tikkomparhom ma' dak tal-imputat imma dan ir-rizultat ma kienx konklussiv.

Finalment semghet lil **<u>Keith Micallef</u>** fejn dan kien gie kkundannat fuq ammissjoni tal-istess reati li hu addebitat bihom l-imputat odjern (sentenza mmarkata Dok JGA) u li fl-istqarrija kien semma lil Kersten bhala persuna li kien ikun mieghu. Illi fix-xhieda tieghu Micallef qal illi meta kien ta dik l-istqarrija ma' kienx sew ghaliex kien jabbuza mid-droga u ghalhekk ma kienx qed jifhem sew ghalxiex kien qed iwiegeb. (Illi irid jigi ppuntwalizzat illi din l-istqarrija Dok JG1 inghatat minghajr l-assistenza ta' avukat ta' fiducja tas-suspettat fil-mument meta dan kien qed jaghti tali stqarrija). Huwa kompla jsostni li kien ikun wahdu ghal dawn is-serqiet anke' jekk lill-imputat kien jafu. Illi pero' huwa kkonferma illi fir-ritratti esebiti kien gharaf lilu u lil Kersten imma ma kienx jiftakar fejn u meta kien. Ix-xhud gie dikjarat bhala ostili mill-prosekuzzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi huwa oramaj ben risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem ‘il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta’ Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

> *“Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*
>
> *Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)(Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna*

*akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The*

*law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi f'dawn il-proceduri jirrizulta li ma hemmx prova tangibbli u konkreta li s-serqiet kollha kkommettihom l-imputat odjern u dan ghaliex fl-ebda wahda minn dawn is-serqiet ma kienx gie rikonoxxut hadd mid-derubati. Illi rrizulta wkoll illi f'xi serqiet kien hemm zewg persuni imma l-maggjor parti tas-serqiet kien hemm tnejn. Illi d-deskrizzjoni mill-vittmi tal-malviventi kienu varji u ma jaqblux wahda mal-ohra.

Illi ghalhekk din il-Qorti ser ikollha tezamina xi provi cirkostanzjali hemm fil-proceduri sabiex tara jekk il-

prosekuzzjoni rnexxiliex tipprova l-kaz taghha. Illi l-Qrati nostrani huma cari fuq dan is-suggett. Illi skont is-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** mogħtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 ġie ddikjarat is-segwenti:

> *"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill- gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*
>
> *Il-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzjoni wahda.*

*Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.”*

Di piu' mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet **Pulizija vs Cyrus Engerer** (deciza App Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014) ġie ppuntwalizzat ukoll illi:

> *"...Biex wiehed jistabilixxi jekk il-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista' jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal- provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."*

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi prodotti johrog car numru ta' nuqqasijiet li l-prosekuzzjoni ghandha sabiex tkun tista' tipprova favorevolment il-kaz taghha. Dawn il-fatturi ma jghinux lil din il-Qorti sabiex tghaqqad il-bicciet tal-katina u tkun moralment u legalment konvinta illi l-imputat wettaq is-serqiet kollha jew parti minnhom.

Dan qed jinghad ghaliex principarjament hemm in-nuqqas ta' identifikazzjoni mill-allegati vittmi kif inghad aktar il-fuq anke' minn dawk il-persuni li kienu *bystanders*. Illi di piu' ma saritx il-prova tant importanti li tqabbad espert tal-informatika sabiex jikkonferma l-awtenticita' tal-filmati esebiti fl-atti. L-anqas biss ingabu l-persuni li ttiehdu dawn il-filmati minghandhom. Dan ix-xoghol sar biss mill-pulizija li bl-ebda mod ma kienu esperti ta' din il-Qorti u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq din il-prova.

Fattur iehor li jmur kontra l-kaz tal-prosekuzzjoni hu l-fatt illi mill-analizi tad-DNA ma hareg xejn li jindika li dik il-gakketta li giet analizzata minn Dr Marisa Cassar hija tal-imputat Kersten Cassar.

Illi dak kollu li hemm li jghin ghall-kaz tal-prosekuzzjoni hu l-fatt illi wahda mix-xhieda rat li l-malvivent kellu tatwagg forma ta' salib fuq ghonqu izda ma ratux f'wiccu li fil-fatt l-imputat ghandu tatwagg bhal dan u x-xhieda ta' Keith Micallef li giet ikkunsidrata bhala wahda ostili.

Illi ta' min jghid illi ghalkemm wahda mix-xhieda identifikat tatwagg li hareg illi l-imputat ghandu wiehed ma hijiex prova konkreta u assoluta li tipprova l-kaz wehidha u dan ghaliex fl-ewwel lok ir-ritratt li ha l-espert Keith Cutajar tat-tatwagg tal-imputat ma giex muri lil din ix-xhud ghall-konferma tieghu u fit-tieni lok min jaf kemm hawn persuni li ghandhom tatwagg simili ghal dak tal-imputat u ghalhekk ma tistax tistrieh unikament fuq din il-prova.

Illi a rigward tax-xhieda ta' Keith Micallef hareg illi l-investigaturi waslu ghal Kersten Camilleri permezz tal-

istqarrija tal-istess Micallef li b'xi mod dahhal lill-imputat odjern bhala wiehed li ghenu f'dawn is-serqiet. Hareg ukoll illi Micallef kien ammetta ghall-akkuzi kontrih u kien gie kkundannat ghal erba (4) snin prigunerija. Pero' kif diga' inghad aktar il-fuq, meta ttiehdet l-istqarrija ta' Keith Micallef dan ma kienx inghata d-dritt li jkollu avukat prezenti waqt l-interrogazzjoni u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tistrieh kompletament fuq din l-istqarrija ghaliex hemm dubju serju rigward il-validita' taghha. Di piu' ghalkemm ix-xhieda ta' Keith Micallef kienet wahda fjakka u li giet iddikjarata ostili mill-prosekuzzjoni anke' jekk din il-Qorti tikkonsidra illi dan ix-xhud kien qed jigdeb, ma hareg xejn minn din ix-xhieda sabiex jghinha fil-valutazzjoni taghha a favur li l-imputat odjern seta' kkommetta s-serqiet kollha jew xi ftit minnhom.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi a rigward l-akkuzi 21 u 22 ugwalment jinghad illi l-prosekuzzjoni, ghalkemm ipprezentat is-sentenzi relattivi ma gabitx l-ahjar prova ghal dan ir-rigward u cioe' xi hadd sabiex jikkonferma jekk dawn is-sentenzi kienux gew *res gudicata.*

Illi ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **Kersten Camilleri** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih stante li ma gewx ippruvati oltre' d-dubju dettat mir-raguni u kwindi tilliberah minnhom.

Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Magistrat